# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 44 – IL-ĦAMIS 10 TA' DIĊEMBRU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużati: | Daniel John Attard | Sindku |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 43

1.1 Is-SE skużat ruħha għaliex ma kinitx laħqet lestiet il-minuti tal-laqgħa preċedenti minħabba xogħol urġenti li jirrigwardja l-proġett tal-bosk minħabba li dak kollu li jirrigwardja dan il-proġett ried ikun tlesta u ddaħħal għand l-Aġenzija tal-Pagamenti sal-aħħar ta' Diċembru 2015.

1.2 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu preżentati aktar 'il quddiem u ffirmati waqt il-laqgħa li jmiss.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat l d-*doggie bins* kienu twaħħlu skont kif indikat mill-Kunsill.

2.2 Is-SE infurmat li kienet kellmet lill-kuntrattur il-ġdid u dan ma kienx irrakkomanda paving blocks għall-passaġġ ta' ħdejn il-bosk imma gres. Fuq rakkomandazzjoni tagħha kien hemm qbil li jkun għaqli jekk issir żjara fuq il-post flimkien mal-Periti tal-Kunsill.

### 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Minħabba li s-Sindku kien skużat kien hemm qbil li dan il-punt jinqabeż.

### 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 5. KONFERMA TAL-UFFIĊJAL EŻEKUTTIV WARA Ż-ŻMIEN TAL-*PROBATION*

5.1 Is-SE infurmat li kien se jiskadi ż-żmien tal-*probation* tal-Uffiċjal Eżekuttiv, Katia Fenech.

5.2 Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-impjieg tas-Sinjorina Fenech.

## 6. KORSIJIET TAT-TCTC

6.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet stedina oħra mingħand it-TCTC biex jerġgħu jiġu organizzati l-korsijiet għall-komunità għall-ammont ta' €1500.

6.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob prezz aħjar biex isiru dawn il-korsijiet.

## 7. PROĠETT TAR-*REMEMBRANCE* B'KONNESSJONI MA' MILITARY MTARFA 2016

7.1 Is-SE infurmat li kien irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsill tal-Isla, li kien il-*lead partner* fil-proġett tar-*Remembrance*, sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar min kien se jkun parti mid-delegazzjoni għaż-żewġ żjarat, waħda fl-Italja u l-oħra fil-Litwanja u l-Latvja. Hija infurmat li l-ispejjeż tad-delegazzjoni kienu kollha koperti mill-fondi tal-proġett u għaldaqstant kull spiża li se ssir mill-Kunsill kienet se tiġi rifuża lura eventwalment.

7.2 Minħabba li d-delegazzjoni fiha massimu ta' ħames persuni u s-Sindku u s-SE kienu se jattendu għat-tnejn li huma bħala l-*co-ordinator* u l-*project leader*, kien hemm qbil li l-Italja għandhom imorru wkoll il-Kunsillier Fenech u l-Kunsilliera Bugeja filwaqt li l-Litwanja/Latvja se jmorru l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mifsud. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu joffri post liż-żewġ membri tas-sottokumitat tal-attivitajiet, Charmaine u Stephen Bonello, bħala żewġ persuni li jaħdmu ħafna fuq din l-attività.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta biex vetturi kbar (*heavy vehicles*) ma jitħallewx jitilgħu minn Triq il-Kavallier Bonello (it-telgħa tal-Imtarfa) minħabba li hija dejjqa ħafna u l-parti ta' fuq hija perikoluża immens. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jiġu ordnati żewġ sinjali ta' *Accident Black Spot* sabiex jitwaħħlu qabel il-liwja.

8.2 Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-kuntrattur tas-*soft areas* sabiex jieħu ħsieb li jiżbor is-siġar li jagħtu għal fuq Triq il-Kavallier Bonello (bejn Triq Prosperina u Triq Sir A. Fremantle) minħabba li l-*coaches* tal-iskola qed jispiċċaw imorru fuq in-naħa l-oħra tat-triq u jistgħu jkunu ta' periklu għall-vetturi li jkunu niżlin.

8.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li waqt l-aħħar laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki, rappreżentant tal-LESA kien informa li issa s-sistema kienet ġiet iċċentralizzata u r-responsabbiltajiet waqgħu kollox f'idejhom minflok baqgħu għand ir-Reġjuni. Hawnhekk kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lis-SE tar-Reġjun sabiex jagħtiha direzzjoni dwar kif il-Kunsill seta' japplika għal *CCTV cameras* għal mal-*bring in sites* tiegħu.

8.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandhom isiru tabelli bħalma hemm ħdejn skips oħrajn li min jinqabad iħammeġ se jkun immultat.

8.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li kien ġie avżat li minn Jannar 2016, numru ta' ħaddiema tal-IPSL kienu se jiġu taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun biex jagħmlu xogħlijiet fil-Kunsilli diversi. Il-Kunsilli li jixtiequ li ssir biċċa xogħol partikolari għandhom jiktbu lir-Reġjun għal-*labour* bla ħlas filwaqt li jħallsu biss għall-materjal.

8.6 Il-Kunsillier Mifsud informa li fil-preżent ir-Reġjun kien qed jaħdem fuq il-kuntratt tad-dawl tat-toroq kif ukoll sabiex jinħareġ kuntratt għal *Contracts Manager*. Huwa informa li l-kuntratt għal *Contracts Manager* għandu jinħareġ f'Jannar 2016.

8.7 Il-Kunsillier Fenech informa lis-SE li kien hemm planter viċin ta' Binja Qlejgħa kif ukoll ieħor fi Triq is-Sardinell li kellhom bżonn li jinqatgħalhom il-ħaxix ħażin.

8.8 Is-SE infurmat li mill-Gvern Ċentrali kienet saret offerta li kull lokalità tingħata wifi access point bla ħlas sakemm issir f'post ċentrali. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal wifi bla ħlas fi Ġnien l-Imtarfa u fil-bosk.

8.9 Għat-tfakkira tal-Viċi Sindku, is-SE infurmat li kienet se terġa' tkellem lill-Perit dwar il-bozoz maqtugħa fi Ġnien l-Imtarfa.

8.10 Is-SE infurmat li l-Enemalta kienu infurmawha li l-bozza ta' Triq l-Anzjani ma kinitx ġiet approvata filwaqt li ġiet approvata l-bozza fi Triq is-27 ta' April.

8.11 Ma nlaqgħatx it-talba tas-SE sabiex tinbidel il-grada t'isfel ma' bieb tal-aluminium. Ir-raġuni hija li fl-opinjoni tal-Kunsill din ma tkunx soda biżżejjed għal xi żgass. Min-naħa l-oħra se tipprova tinstab soluzzjoni minħabba li m'hemm l-ebda barriera bejn il-bieb ta' barra u l-uffiċini u għaldaqstant il-kesħa u s-sħana tal-*airconditioners* mhux tkun effettiva.

8.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza min-naħa tad-DLG fejn dawn infurmaw li l-Kunsill kien qed jingħata l-opportunità li japplika għat-tielet parti tal-proġett tan-*Norway Grants*, fejn kemm-il darba jkollu riżultat pożittiv, il-Kunsill kien fiċ-ċans li jingħata unur ta' eċċellenza (*European Label of Governance Excellence*). Hija infurmat li ma kien hemm ebda spiża iżda kien hemm l-obbligu li l-Kunsill jagħmel kwestjonarji eċċ mar-residenti tiegħu biex jara l-andament tiegħu u fejn jista' jirranġa u jtejjeb. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'dan il-proġett.

**9. AĠĠORNAMENT**

9.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:00pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**